Minuti tal-20 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Erbgha 24 ta' Novembru, 2010. Il-laqgha nbdiet hin 5.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |

**Ufficjali:**
Segretarju Ezekuttiv — Joanne Attard

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tad-19 il-laqgha.**

1.1 Il-Minuti tad-19 il-laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

**2. Laqgha mal-Arcipriet Mons Dr Joseph Sultana**

2.1 Saret laqgha ta' introduzzjoni mal-Arcipriet il-gdid Mons Dr Joseph Sultana fejn gew diskussi diversi punti ta' interess ghaz-zewg partijiet fosthom:-

2.2 Il-party tat-tfal tal-Milied fejn kien hemm qbil li dan ghandu jibqa' jigi organizzat bejn iz-zewg partijiet.

2.3 Il-kompetizzjonijiet tal-Milied imnedija mill-Kunsill fejn intalbet l-ghajnuna tal-Arcipriet fil-propoganda ta' din l-inizjattiva. L-Arcipriet qal li ser jaghti informazzjoni dwar din l-inizjattivi fil-Knisja.

2.4 Ir-restawr tal-Knisja fejn l-Arcipriet sahaq li dan huwa ta' priorita' u spjega illi l-membrane li hemm fuq is-saqaf tal-Knisja jista' jkun qed jaghmel hsara lill-gebla. Huwa spjega illi l-orgni wkoll ghandu bzonn ir-restawr u li l-istima tammonta ghal madwar €23294 u li x-xoghol jiehu madwar sena. Dwar l-arlogg tal-Knisja, l-Arcipriet spjega illi hemm persuna involuta fir-restawr tieghu u li ghandha l-ghodda fil-post u ghalhekk ma jistax jidhol haddiehor biex isir ix-xoghol mehtieg.

2.5 Fir-rigward tar-restawr tal-Knisja, is-Sindku offra l-ghajnuna tal-Kunsill sa fejn tippermettilu il-ligi. Is-Sindku spjega illi huwa ghandu kuntatt ma Universita' gewwa Palermo u jista' jkun li ssir applikazzjoni taht il-fond Malta-Italia.

2.6 Is-Sindku spjega illi l-applikazzjoni ghar-restawr tal-Knisja quddiem il-MEPA tinsab fil-process u li l-avviz wehel maz-zuntier tal-Knisja.

2.7 L-Arcipriet tkellem ukoll dwar il-muzew tal-Knisja fejn wera x-xewqa illi dan jitkompla flimkien ma restawr ta' xi oggetti imprezzabbli li ser ikunu ghall-wiri fih. Is-Sindku qal illi wiehed ghandu jara l-possibilita' illi issir applikazzjoni taht il-fondi tal-MTA tat-turizmu.

2.8 Is-Sindku spjega illi r-rettur tas-Santwarju ta' Pinu ser igib lil xi hadd espert fil-qasam tar-restawr u huwa talbu li dan imur jara il-Knisja tal-Gharb ukoll. Lisa Brooke issuggeriet lil Jo Warren.

2.9 L-Arcipriet qal illi xi haga li jipproponi huwa li jitwaqqaf kumitat biex jippreserva il-wirt kulturali u religjuz.

2.10 Is-Sindku semma il-proposta tal-Kunsill Lokali San Lawrenz liema proposta ghadha trid tkun diskussa fil-Kunsill, proposta li ssir bus tat-tip hop-on hop-off ghall-irhula ta' Gharb, San Lawrenz u Ghasri.

2.11 Is-Sindku informa lill-Arcipriet illi l-Kunsill ser ikun qed izommu infurmat b'attivitajiet li l-Kunsill Lokali jkun ser izomm flimkien mal-ghaqdiet lokali.

## 3. Referendum – Kmamar tan-nar godda fl-Gharb.

3.1 Gie spjegat li l-Kunsill ircieva diversi talbiet minghand residenti li isimhom jidher fuq ir-registru elettorali tal-Gharb u li ser ikunu imsefrin dakinhar tar-referendum dwar jekk hux possibbli li jivvotaw f'data ohra. Dawn gew impoggija fuq il-mejda sabiex ikunu trattati.

3.2 Wara diskussjoni il-Kunsill qabel illi m'ghandux ikun hemm votazzjoni ohra hlief dik tat-8 ta' Dicembru, 2010.

3.3 Is-Sindku talab lill-Kunsillieri jekk hemmx domandi dwar ir-referendum. Ma saret l-ebda domanda.

## 4. Skeda ta' pagamenti.

4.1 Il-Kunsill qabel unanimament mal-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

**Pagna 3 Minuti tal-20 laqgha**

**5. Korrispondenza u materji ohra.**

5.1 Is-Sindku spjega illi l-maggoranza tal-pagamenti tal-progett ta' Wied il-Mielah gew iprocessati.

5.2 Dwar ix-xogholijiet tal-WSC f'Wied il-Mielah gie spjegat illi l-kuntrattur intalab jipprezenta programm tax-xogholijiet u illi l-Ing. Bundic tal-WSC ghandu jigi biex jistabbilixxi jekk il-main tad-dranagg fi Triq Frenc ta' l-Gharb hux ser isir jew le. Gie spjegat ukoll illi l-WSC qed tissuggerixxi illi x-xogholijiet fil-Pjazza ghandhom jinbdew minhabba l-pussess tal-Arcipriet. Gie spjegat ukoll illi sadanittant l-offerta tal-pavimentar tal-Pjazza giet ippublikata.

5.3 Dwar il-progett taht Mizura 323 gie spjegat illi l-Perit Edward Scerri qed ihejji it-tenders.

5.4 Dwar l-iskema restawr tan-nicec gie spjegat illi l-Perit Edward Scerri ser imur jara n-nicec kollha u jara x'hemm bzonn li jsir fuq kull wahda minnhom. Il-fondi li hemm disponibbli taht din l-iskema jammontaw ghal €8000 u l-Perit qed jara wkoll dwar il-permessi mehtiega.

5.5 Issemmew xi nicec ohrajn li huma nicca mal-post ta' Joseph Vella Zarb fi sqaq fi Pjazza Zjara tal-Madonna u fi Triq Trux.

5.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-probabilita' li progett taht il-programm Italja – Malta fejn il-Kunsill kien applika bhala partner flimkien ma zewg partners ohra Maltin il-Maltese Italian Chamber of Commerce u l-Malta Tourism Society jigi approvat. Dan huwa progett b'dimensjoni turistika.

5.7 Dwar ix-xoghol fuq il-playing field is-Sindku spjega illi bhalissa il-Perit qed jipprepara il-kontijiet, mentri fuq il-belveder il-haddiema tal-Kunsill qed ipoggu il-membrane.

5.8 Dwar il-gazibo li kien propost illi jsir fuq il-belveder, is-Sindku spjega illi Tony Spiteri li jahdem fis-sengha tal-gebel, tal-parir illi gazibo tal-gebel ikun tqil ghal fuq is-saqaf u biex isir ikun irid jinqala is-saqaf tal-kumpless. Il-Kunsill qabel li jibqa' ghaddej bix-xogholijiet u jiddeciedi wara x'tip ta' embellishment ser isir fuq il-belveder.

5.9 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-iskema tal-PPP u qabel illi ghandu jitlob li permezz ta' din l-iskema isiru toroq li huma bl-ewwel kisja u ghad trid issirilhom it-tieni kisja kif ukoll Triq Trux. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.10 Dwar l-arkata fi Triq Sdieri is-Sindku spjega illi l-Ministeru ghal Ghawdex hargu l-offerta biex issir din it-triq. Dwar id-dwal f'din it-triq li wkoll kellhom isiru min naha tal-Ministeru, il-Kunsill innota illi l-bozza ta' hdejn il-bore hole wehlet u issa ser tehel bozza ohra hdejn l-ahhar bini.

5.11 Is-Sindku spjega illi matul l-ahhar zminijiet l-Ufficju Amministrattiv tghabba b'load qawwija ta' xoghol u jinhtieg li jkun hemm zieda fl-istaff. Gie diskuss il-fatt illi meta l-iskrivana tal-Kunsill tkun bil-leave qed ikun mehtieg illi jkun hemm il-librara/ufficjal ta' nhar ta' Sibt sabiex tassisti fix-xoghol klerikali u customer care. Peress li l-Kunsill kien qed jiddiskuti fuq il-librara is-Sindku qal illi mhux ser jiehu sehem fid-diskussjoni minhabba interess u ghadda t-tmexxija lill-Vici-Sindku. Il-Kunsill qabel li peress li l-librara/ufficjal ta' nhar ta' Sibt diga midhla tax-xoghol klerikali/customer care ghandhom jizdiedu is-sighat ta' xoghol taghha ghal part time biex tkun tista' tassisti f'xoghol klerikali/customer care.

5.12 Il-Kunsill qabel li ghandha tinxtara ghamara tal-Ufficju mehtiega biex isir it-tibdil maqbul.

5.13 Il-Kunsill qabel illi d-dawl tal-Milied ghandhom ikunu armati fi Triq il-Knisja.

5.14 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar progett b'dimensjoni Ewropea fejn il-Kunsill gie mistieden mill-Europe Direct jiehu sehem bil-partecipazzjoni tat-tfal tal-iskola. Il-progett jikkonsisti fit-tizjin tas-sigra tal-Milied b'dekorazzjonijiet maghmula minn materjal tar-riciklagg u skambju ta' dekorazzjoni ma skejjel ohra Ewropej. Il-Kunsill qabel unanimament li jiehu sehem f'din l-inizjattiva li ser issir fis-17 ta' Dicembru u jorganizza attivita' ghat-tfal.

5.15 Emanuel Muscat issuggerixxa illi ghandu jsir presepju kbir fil-Pjazza. Gie deciz li ghandha tingab informazzjoni dwar prezzijiet ta' xiri u terga' tigi diskussa din il-proposta.

5.16 Dwar ix-xoghol fuq il-progett tac-centru civiku gie spjegat illi l-Perit qed ihejji l-kontijiet tax-xoghol li sar sa issa sabiex jinforma lill-Kunsill jekk jistax ikompli juza il-kwotazzjoni ezistenti jew jinhtiegx li tohrog offerta ohra. Il-Kunsill qabel li jekk ghad baqa' possibilita' li jitkompla x-xoghol dan ghandu jitkompla.

5.17 Il-Kunsill iddiskuta dwar rigali li ser jinghataw lit-tfal waqt l-attivita' socjali li ssir fi zmien il-Milied. Il-Kunsill qabel illi preferibilment ghandu jinghata ktieb li jkun skond l-eta' tal-istudenti.

5.18 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni dwar it-triq ta' Wied ir-Rapp li ghandha bzonn manutenzjoni. Is-Sindku spjega illi jistghu jigu ivvutati fondi

mill-budget il-gdid ghall-manutenzjoni taghha. Issemmiet ukoll li ghandhom bzonn manutenzjoni it-triq tal-Qasam. Is-Sindku spjega illi ghalissa wiehed ghandu jara jekk il-Gvern Centrali jistax jghin billi jaghmel xi patching. Jekk le il-Kunsill ghandu jikkunsidra li jaghmlu mill-fondi tieghu.

5.19 Is-Sindku gibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-estimi finanzjarji 2010, fejn gie spjegat illi l-Kunsill ghandu obbligu jemenda l-estimi skond varjazzjonijiet li jkunu gejjin minn xogholijiet l-Kunsill ikun approva matul is-sena. Gie spjegat illi bhalissa qed isir dan l-ezercizzju sabiex l-estimi fl-ahhar tas-sena ikunu jirreflettu kemm jista' jkun in-nefqa attwali. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.20 Is-Sindku spjega illi bhala idea ta' kemm jiswa' *patching* l-ispiza minn Triq il-Blata sal-Pjazza ammontat ghal €9000, izda din hija spiza li ser tithallas mil-WSC.

5.21 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-MEPA qed titlob garanzija ta' €23,000 fuq il-permess tar-restawr tal-kappella ta' San Dimitri. Gie spjegat illi saret talba sabiex il-Kunsill ikun ezentat minn din il-garanzija, u li jekk il-MEPA tibqa' tinsisti il-Kunsill ikollu jikkunsidra li jitlob garanzija lill-kuntrattur.

5.22 Il-Kunsill tratta l-kwotazzjonijiet migbura ghall-progett tal-walking bus ghall-istudenti li jattendu l-iskejjel sekondarji. Gie spjegat illi ser issir laqgha ghall-genituri tal-istudenti interessati f'din l-iskema nhar il-Gimgha 26 ta' Novembru, fis-7.00pm. Il-Kunsill qabel illi l-ispejjez ta' l-iskema ma jistghux jithallsu kollha mill-Kunsill izda ghandu jkun hemm il-kontribut tal-genituri li ghandhom ihallsu minn quddiem.

5.23 Is-Sindku spjega illi mill-attivita' car boot sale li saret b'risq il-Community Chest Fund ingabru €60. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm opportunita' ta' aktar gbir ta' fondi b'risq din il-kawza gusta ghandhom isiru.

5.24 Giet trattata il-korrispondenza segwenti:-

5.25 Minghand il-Comune di Framura fl-Italja dwar proposta ta' kollaborazzjoni bejn iz-zewg lokalitajiet.

5.26 Mill-Kunsill ta' Lecce b'invit lill-Kunsill biex jippartecipa permezz ta' zewg delegati fis-seminar taht il-programm Youth in Action li ser jinzamm gewwa Lecce fi Frar 2011. Urew interess li jattendu ghal dan is-seminar flimkien mas-Sindku Carmen Vella u Emanuel Muscat.

5.27 Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali:-
Re: Attivitajiet 2011.

Re: Memo 118/2010 – Inizjattiva Ambjentali biex ticcelebra gheluq l-20 sena Hidma tal-Vodafone fejn il-Kunsill gie infurmat li l-applikazzjoni tieghu ma kinitx maghzula.

Re:Approvazzjoni tal-Gemellagg bejn Gharb u Quadrelle.

5.28 Minghand Carmelo Grima fir-rigward tal-website www.gozitanus.info fejn dan qed joffri li jippublika l-offerti tal-Kunsill b'xejn fuq din il-website. Il-Kunsill accetta din il-proposta.

5.29 Minghand A&M Printing kwotazzjoni fir-rigward tad-dokumenti tal-vot tar-Referendum. Il-Kunsill accetta din il-kwotazzjoni.

5.30 Minghand il-WasteServ fir-rigward ta' Invit ghal Seminar fuq Prodotti Ekologici li ser isir gewwa Calypso Hotel bejn il-Gimgha 26 u l-Hadd 28 ta' Novembru.

5.31 Mill-MEPA: Applikazzjoni gdida ghal permess ta' zvilupp PA3729/10

5.32 Minghand JS Productions fir-rigward ta' Cirku ta' l-Annimali gewwa Ghawdex.

5.33 Invit minghand il-Gozo and the Gozitans Series fir-rigward tal-Gozo Day 2010.

5.34 Invit minghand il-Kunsill Lokali tax-Xewkija fir-rigward ta' Jum ix-Xewkija.

5.35 Mill-Astra Folk Group fir-rigward ta' Folk Ghabex.

5.36 Mill-European Parliament Office in Malta dwar Forum bit-tema Gozo and the European Parliament.

Il-laqgha spiccat hin 7.50pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv